MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Numru 923/2005

Il-Pulizija
(Sp Jesmond J. Borg)
vs
Tracy Debono, bint Vincent,
imwielda Pieta' fil-15 ta'
diċembru, 1975

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata –
1. talli fid-9 ta' marzu, 2005 għal ħabta tas-2.30 p.m. minn ġewwa l-ħanut 'Body Essentials', Triq l-Isqof Scicluna, Qormi kkomettiet serq ta' mobile phone għad-dannu ta' Dorianne Baldacchino, liema ammont hu ta' aktar minn mitt lira maltin iżda mhux aktar minn elf lra maltin, liema serq hu kkwalifikat bil-valur;
2. talli fl-istess data f'dawn il-Gżejjer, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, xjentement laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew

xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fefjn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' frar, 2006 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li r-refurtiva ġiet ritornata, l-imputata ammettiet mal-ewwel u ikkolaborat magħha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' frar, 2006 fejn l-imputata ammettiet l-akkuża ta' serq miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputata u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tat-tieni akkuża miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha mill-istess akkuża.  Issibha ħatja tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tagħha.  Rat l-artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannaha għal ħlas ta' multa ta' mitt lira maltin (Lm100).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------